# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 861/15NHV

Numru fuq il-Lista: 8

**Galea Insurance Brokers Limited**
(C-12858)

**vs.**

**Raymond Buhagiar**
K.I. 452555 (M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf, ħames mija u erba' ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1504.53) rappreżentanti:

bilanċ minn somma akbar rappreżentanti premium dovut mill-intimat fuq polza tal-assigurazzjoni kummerċjali maħruġa f'ismu u fuq talba tiegħu stess u eventwalment minnu kkanċellata nhar l-4 ta' Settembru, 2014.

Illi l-intimat ġie interpellat għal diversi drabi, anke permezz ta' ittra bonarja ddatata t-12 ta' Mejju 2015 iżda huwa baqa' inadempjenti bl-ammont baqa' ma tħallasx u għadu s'issa dovut.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elf, ħames mija u erba' ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,504.53);

2. Jordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti l-istess ammont ta' elf, ħames mija u erba' ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,504.53).

Bl-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluż l-ispejjeż għall-ittra msemmija, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-ogħla rati ai termini tal-Kap. 13.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2015, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont mhu dovut, stante illi l-esponenti qatt ma awtorizza li tinħareġ tali polza tal-assigurazzjoni għall-perjodu indikat, anzi kien infurmahom personalment sabiex iwaqfu t-tali polza.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Sema' lix-xhieda kollha prodotti miż-żewġ partijiet.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-23 ta' Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-assjem tal-provi prodotti, it-tribunal huwa tal-fehma illi s-soċjeta` attriċi rnexxielha tipprova t-talba tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

Min-naħa tiegħu il-konvenut jallega li huwa kien waqqaf it-tiġdid tal-polza, iżda tali kanċellament ma jirriżultax fir-records sia tas-soċjeta` assiguratriċi u lanqas tal-broker ossia s-soċjeta` attriċi. F'Settembru 2014, huwa għamel talba verbali għall-kanċellament, li minkejja li ma kinitx il-prassi tal-broker li jaċċetta kanċellament verbali, f'din l-okkażjoni l-kanċellament verbali ġie aċċettat, a favur il-klijent. Fil-fatt, inħarġet credit note pro rata favur il-konvenut.

Fin-nuqqas ta' kanċellament tal-polza mill-konvenut qabel Settembru 2014, it-Tribunal iqis illi s-soċjeta` attriċi hija ġustifikata li titlob il-ħlas tal-polza minn Jannar 2014 sa Settembru 2014.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf, ħames mija u erba' ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1504.53), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 ta' Novembru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur